KUNSILL LOKALI

KALKARA

LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## It-9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 3/26

16 ta' Marzu, 2026

Il-Kunsilli Lokali Kalkara Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru,1897 fl-4:00 ta' wara nofsinhar.

### PREŻENTI:

Wayne Aquilina - Sindku
Speranza Chircop - Viċi-Sindku
Maria Sultana - Kunsillier
Vincent Bongailas - Kunsillier
Christopher Bruno - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (2)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

**ASSENTI:** NIL

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Karen Scicluna – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**3.26.1 <u>Qari ta' Ittri ta' Apoloġija</u>**

3.26.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija. Il-laqgħa bdiet fl-4:15pm (minħabba problemi tekniċi fis-sistema tal-live streaming)

**3.26.2 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti</u>**

3.26.2.1 Il-minuti tas-seduta numru 2.26 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

3.26.2.2 Is-Sur Vince Bongailas ippropona u Sa. Maria Sultana issekondat il-minuti ta' seduta 2.26 Il-minuti ġew approvati unanimament.

3.26.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokumenti korretti.

**3.26.3 <u>Kommunikazzjoni mis-Sindku</u>**

**Minn Pjazza għal Pjazza.**

3.26.3.1 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar fl-24 ta' Frar kellu laqgħa mas-Sur Ryan Galea, id-direttur artistiku tal-attività '*Għalik, it-tieni jien*' bħala parti mill-festival Minn Pjazza għal Pjazza. Wara din il-laqgħa ġiet imfassla proposta biex tiġi ssottometa għall-edizzjoni ta' din is-sena. Is-Sindku fakkar li din is-sena l-ewwel prijorità ser tingħata lil-lokalitajiet li s-sena li għaddiet ma pparteċipawx. Is-Sindku qal li s-sottomissjoni tagħna daħħalniha '*online*' it-Tlieta 10 ta' Marzu.

**Fondazzjoni Kottonera.**

3.26.3.2 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li fil-25 ta' Frar attenda għal board tal-Fondazzjoni Kottonera. Is-Sur Aquilina semma kif waqt din il-laqgħa qajjem il-punt biex il-fondazzjoni tkun aktar ta' sostenn għall-Kunsill Lokali fejn jidħol baġit għall-attivitajiet ta' matul is-sena. Ġie deċiż li l-Kunsilli Lokali tal-Kottonera inkluż tal-Kalkara jipproponu kalendarju ta' attivitajiet għas-sena 2027 sabiex il-Fondazzjoni tkun tista' titlob allokazzjoni aħjar ta' fondi u tara kif tista' tkun ta' sostenn.

3.26.3.3 Is-Sindku qassam kopja tal-kalendarju tal-attivitajiet li l-Kunsill Lokali se jkun qed jgħaddi lil-Fondazzjoni għal approvazzjoni tal-Kunsilliera. L-attivitajiet proposti għas-sena 2027 jammontaw għal madwar € 70,000. Dan il-Kalendarju jrid jintbagħat sa mhux aktar tard mit-30 ta' April. Il-Kunsilliera qablu unanimament mal-Kalendarju propost mis-Sindku.

**Bajja Rnella.**

3.26.3.4 Fis-26 ta' Frar u fis-6 ta' Marzu, 2026 is-Sindku mar jara x-xogħol li beda jsir fil-bajja ta' Rnella fejn ħaddiema ta' Clean Malta komplew inaddfu wara l-maltempata Harry. F'din is-sessjoni sar tneħħija ta' ġebel goff u materjal ieħor bħal ħadid u injam li nġema' fiż-żona tar-ramel. Għal din is-sessjoni kellu jinġieb makkinarju bħal Krane u Gaffa.

3.26.3.5 Is-Sur Aquilina informa lill-Kunsilliera li fis-sessjoni ta' Marzu, ġie żjara l-Onor. Glenn Bedingfield, Segretarju Parlamentari għall-Indafa Pubblika. Dak inhar għal darb'oħra ħaddiema ta' Clean Malta komplew bit-tindif ta' din il-bajja. Is-sessjoni ta' Marzu ffukat fuq il-ġbir ta' ammont kbir ta' ramel li nġema' fit-triq u li ntefa' lura f'postu.

**MaltaPost – Easipik Parcel Lockers**

3.26.3.6 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li fit-3 ta' Marzu, 2026 kellu laqgħa ma' rappreżentanti ta' Malta Post li ġew fuq il-post fejn ipproponew li jiġu nstallati numru ta' lockers għall-pubbliku. Dawn se jkunu lockers kummerċjali, Easipik Parcel Lockers, li jiġu nstallati maġenb il-Kunsill Lokali.

3.26.3.7 Is-sindku sostna kif permezz ta' dawn il-lockers se nkunu qed noffru lir-residenti l-faċilità li meta jordnaw xi pakkett u se jasal permezz tal-Malta Post u jkun irreġistrat sabiex jagħmel użu minn dawn il-'lockers', jista' jiġi għalih hawn x'ħin irid. Is-Sindku għarraf lill-kunsilliera li l-Kunsill ma jkunx responsabli għaż-żamma u l-manutenzjoni, ħlief kemm nagħtu fergħa għad-dawl, li hu minimu ħafna.

**Triq il-Ġenista u Triq il-Progress – Rapport ta' qtugħ ta' siġar u żvilupp illegali**

3.26.3.8 Nhar l-Erbgħa, 4 ta' Marzu s-Sindku rċieva telefonati mingħand residenti li joqgħodu fi Triq il-Progress u Triq il-Ġenista, fiż-Żona tal-Wied tal-Kalkara, rigward xi makkinarju li daħal fis-sit tal-Wied minn Triq il-Progress.

3.26.3.9 Il-Ħamis 5 ta' Marzu għal xi l-10am is-Sindku rċieva telefonata oħra minn resident fejn infurmaħ li xi makkinarju daħal fis-sit tal-Wied. Permezz ta' telefonata mal-iżviluppatur ġie infurmat li kien qed isir xogħol ta' tindif ta' ħaxix sabiex isir xi studju fuq il-blat.

3.26.3.10 Tard wara nofsinhar tal-Ħamis 5 ta' Marzu f'isem il-Kunsill Lokali daħħalna r-rapporti tagħna mal-awtoritajiet ikkonċernati. Il-Ġimgħa filgħodu jidher li x-xogħol tkompla u għaldaqstant is-Sindku reġa rraporta. Wara ftit mar fuq il-post ma' uffiċjali tal-ERA, fejn ġew ukoll uffiċjali tal-Awtorita' tal-Ippjannar, periti u persuni responsabli mix-xogħolijiet. Ġie maqbul li x-xogħol li nbeda jieqaf sakemm jiġu vverifikati aktar dettalji.

**Konferenza - Clean Malta**

3.26.3.11 Is-Sindku għarraf lill-Kunsilliera li fil-11 ta' Marzu attenda għall-konferenza mtella' minn CleanMalta fejn ġie mniedi s-servizz tal-ġbir ta' flixken madwar il-pajjiż kollu. Is-Sindku fakkar kif il-Kalkara kienet fost l-ewwel lokalitajiet li bdiet dan is-servizz lura f'Lulju 2025.

3.26.3.12 F'din it-tnedija ġie mħabbar li s-servizz ser jiġi aġġornat għall-aħjar hekk kif mis-16 ta' Marzu ser jibdew jintużaw vannijiet ġodda fejn il-konténituri jittieħdu kollha f'daqqa u mhux wieħed wieħed. Il-ġranet tal-ġbir permezz tal-Van fil-Kalkara ser tibqa' kull ġimgħatejn fil-ġurnata tat-Tlieta.

**Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara**

3.26.3.13 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li kellu laqgħa mal-Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara fil-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv fil-11 ta' Marzu,2026. F'din il-laqgħa ġew diskussi l-ismijiet tat-toroq, is-seabin, fondi u skemi ta' restawr, kif ukoll ġie ppreżentat pjan għall-proġett tax-Xelter. Is-Sindku preżenta dan il-pjan li fasslu l-Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara.

**Kalkara Fun Walk**

3.26.3.14 Il-Ħadd 15 ta' Marzu, 2026, nżammet ir-4 edizzjoni ta' The Kalkara Fun Walk. Madwar 100 persuna ipparteċipaw u xtraghu flokkijiet u oħrajn taw id-donazzjoni. Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera sabiex nhar il-Ġimgħa 20 ta' Marzu fit-8:15am flimkien jippreżentaw id-donazzjonijiet miġbura lilll-Patrijiet tal-Kapuċċini.

**Kalkara United FC- Ċelebrazzjoni ta' tmiem il-kampjonat**

3.26.3.15 Is-Sindku nforma li fis-16 ta' Marzu, 2026 tkellem mal-Kumitat tal-Football, fejn iddiskutew iċ-ċelebrazzjoni għat-tmiem tal-kampjonat li huma skedati għal xi ġurnata fi tmiem il-ġimgħa bejn it-18 jew 19 ta' April. Hemm pjanat li jsiru xi ċelebrazzjoni f'Misraħ l-Arċisqof Gonzi, x-Xatt wara l-aħħar partita. Is-Sindku ressaq għal approvazzjoni sabiex tingħata preżentazzjoni mill-Kunsill Lokali għal dan l-unur. Kien hemm qbil unanimu.

**3.26.4 <u>Kommunikazzjoni mill-Kunsilliera</u>**

<u>Il-Viċi-Sindku, is-Sa. Speranza Chircop.</u>

3.26.4.1. Il-Viċi Sindku, is-Sa. Chircop infurmat lill-Kunsill li għaddejja f'kommunikazzjoni sabiex jerġà jsir il-kors ta' taħriġ 'Għaqal id-dar, ħajja Aħjar'. Hi tixtieq li dan il-kors jerġà jsir wara li kien sar fil-passat u intlaqà tajjeb. Is-Sindku laqgħa din il-proposta u qalilha sabiex tmexxi u tikkordina l-aħjar żmien hi.

3.26.4.2 Is-Sa. Chircop infurmat lill-Kunsilli li l-BOV qed jagħtu taħriġ għal l-anzjani rigward kif tevita frodi mill-kontijiet bankarji. L-ewwel sessjoni se ssir fi 30 ta' Marzu fi 9am.

3.26.4.3 Is-Sa. Chircop infurmat ukoll li se ssir ħarġa Kulturali fl-24 ta' Marzu, fejn se jżuru l-vari tal-Ġimgħa l-Kbira u qed li qed tħejji ukoll ħarġa kulturali għal April.

3.26.4.4 Għax-xahar ta' Ġunju l-Viċi Sindku qed tippjana sabiex torganizza ġurnata Sqallija.

Il-Kunsilliera, is-Sa Maria Sultana.

3.26.4.5 Il-Kunsilliera, is-Sa. Sultana nfurmat lill-Kunsill li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill tat-tfal se jsir fit-30 ta' Marzu filgħaxija.

3.26.4.6 Is-Sa. Sultana nfurmat lill-Kunsill li l-Ġimgħa 13 ta' Marzu, attendiet għal Jum iċ-Ċelebrazzjoni ta' tfal tal-Kulleġġ ta' Verdala.

3.26.4.7 Is-Sa. Sultana infurmat lill-Kunsill li fil-25 ta' Marzu se tittella' Jum iċ-Ċelebrazzjoni fl-iskola Primarja tal-Kalkara u fejn hi bħala membru tal-kumitat tal-iskola issuġġeriet li jingħata premju lil-tifel li jattendi l-Kunsill ta' tfal. Il ktieb se jkun provdut mill-iskola stess.

3.26.4.8 Il-Kunsilliera Sultana issuġġeriet li jsiru bins fl-iskola fejn l-iskart jintrema ġo fih u l-boroż tal-iskart ma jibqax jidher minn mat-triq. Is-Sa Sultana tkellmet mas-Segretarju Eżekuttiv sabiex tara hux possibbli li dawn il-bins jiġu provduti minn xi dipartiment jew entità bla ħlas u jekk dan mhux possibbli tipprovdi kwotazzjonijiet sabiex jgħadduhom lil-iskola u jinxtraw mill-iskola stess.

**3.26.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

3.26.5.1 Il-Viċi Sindku Speranza Chircop staqsiet: Jista' s-Sindku jgħidilna ġewx ordnati it-tarġiet għall-van tal-komunità?

3.26.5.2 B'risposta għal din il-mistoqsija, s-Sindku wieġeb li dawn ġew ordnati u l-iktar data fil-qarib li għandu l-fornitur sabiex jiġu installati huwa fil- 5 ta' Mejju. Is-Sindku rrimarka li l-Van se jkun indisponibbli għal 4 t'ijiem sakemm isirulu it-tarġiet.

3.26.5.3 Il-Kunsilliera Maria Sultana staqsiet: Filwaqt li rrimarkat li ħadet gost li ipparteċipat fil-Kalkara Fun Walk 2026 u kienet suċċess, xtaqet tkun taf jekk intbagħatx xi invit lis-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali minħabba l-preżenza tagħha u jekk iva, intbagħatx invit ukoll lis-Shadow Minister għall-Gvern Lokali?

3.26.5.4 B'risposta għal din il-mistoqsija,s-Sindku wieġeb li mill-Kunsill Lokali ma ntbagħat l-ebda invit lil ebda membru parlamentari, apparti stedina li bagħat is-Sindku stess lill-għaqdiet tal-lokal. Is-Sa Sultana qalet li tkun ħaġa sabiħa li għas-sena d-dieħla, jkunu mistednin b'mod uffiċjali l-membri parlamentari taż-żewġ naħat.

3.26.5.5 Il-Kunsilliera s-Sa Maria Sultana staqsiet: Kif saret il-laqgħa mal-Klabb tal-football u ma kienetx infurmata, peress li hi għandha d-dekasteru tal-għaqdiet?

3.26.5.6 B'risposta għal din il-mistoqsija, s-Sindku wieġeb li din saret b'mod informali b'telefonata virtwali bejniethom fuq messenger.

3.26.5.7 Il-Kunsilliera s-Sa Maria Sultana staqsiet: Jista' jitneħħa ċ-ċint li hemm fi Triq Santa Filomena peress li huwa perikoluż u qed ikun hemm xi nies jostakolaw il-passaġġ?

3.26.5.8 B'risposta għal din il-mistoqsija s-Sindku wieġeb li huwa tkellem mas-sid sabiex ineħħi dan iċ-ċint temporanju. Is-Sindku kien infurmat li dan ma jistax jitwaqqa' minħabba li s-sid għadu m'għandux permess ta' tneħħija mill-Awtoritajiet kkonċernati

3.26.5.9 Il-Kunsilliera s-Sa Maria Sultana staqsiet: Matul il-lejl fi Triq Santa Filomena hemm ħoss li jagħmel lejl sħiħ, dan x'aktarx ġej mill-bozza tad-dawl. Kemm hi personali, kif ukoll il-ħaddiema tal-Kunsill Lokali għamlu rapport ma l-ARMS u marru tal-Enemalta però baqa' l-istess il-ħoss. Talbet sabiex naraw mal-Enemalta x'kienet ir-risposta tagħhom u x'se jsir biex jitranġa.

3.26.5.10 B'risposta għal din il-mistoqsija s-Sindku wieġeb li se jkompli jiċċekja dwar dan

3.26.5.11 Il-Kunsillier is-Sur Chris Bruno staqsa: Jista' s-Sindku jgħidilna meta ser isiru l-bollards fid-dawra tax-xatt, quddiem tal-ħobż?

3.26.5.12 B'risposta għal din il-mistoqsija s-Sindku wieġeb li t-talba saret għan Transport Malta u dawn għandhom jiġu nstallati minn din l-awtorità u ma jsirux għal spejjeż tal-Kunsill Lokali. Fir-risposta tiegħu huwa saħaq li rridu naraw ukoll kull tip ta' avventwalità f'każ ta' bżonn li jkollna bżonn xi manuvri tat-traffiku fiż-żona, bħal meta ingħalaq ix-xatt biex jintrama tower crane. Is-Sur Bruno issuġġerixxa li jkunu jinqalgħu. Is-Sindku rimmarka li dawn iridu jkunu ta' materjal apposta u mhux tal-ħadid.

3.26.5.13 Il-Kunsillier is-Sur Bruno staqsa: Għaliex il-Kunsill Lokali xhur ilu għamel marki tal-istop fi Triq Patri Mattew Sultana meta naħa l-oħra hemm *One Way*. Hu staqsa għala saru jekk mhux suppost jgħaddu minn hemm il-karozzi?

3.26.5.14 B'risposta għal din il-mistoqsija s-Sindku wieġeb li jaf u jikkonferma x'inhu jgħid, però din saret minħabba raġunijiet ta' *safety*. Is-Sindku qal li lest jiftaħ diskussjonijiet ma' Transport Malta dwar immaniġjrar aħjar tat-traffiku f'din iż-żona

3.26.5.15 Il-Kunsillier is-Sur Bruno staqsa: Għaliex iċ-ċimiterju ta' faċċata tal-Ħolma Boat Yard ingħata liż-Żabbar Scouts?

3.26.5.16 B'risposta għal din il-mistoqsija: Is-Sindku irrimarka li din il-mistoqija ma kinitx fuq l-aġenda u talab biex jekk il-kunsill jixtiqx li din il-materja titella' għad-diskussjoni fl-laqgħat fil-futur.

**3.26.6 Approvazzjoni għall-iskemi maħruġa mid-DLG għas-sena 2026**

3.26.6.1 Is-Sindku qara l-iskemi maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali li ntbagħtu lill-Kunsilliera.

- Finanzjament Attivitajiet Kulturali Annwali 2026.
- Finanzjament Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew Imwettqa mill-Gvern Ċentrali
- Finanzjament Skema Milied

3.26.6.2 Il-Kunsilliera qablu unanimament li l-Kunsill Lokali japplika għal-dawn l-iskemi msemmija hawn fuq.

**3.26.7 Sejħa għall-Maniġer tal-Kuntratti (*Contracts Manager*)**

3.26.7.1 Is-Sindku spjega li wara r-riżenja tas-Sur Lofreda li ġiet diskussa fil-laqgħa preċedenti, l-Kunsill Lokali għandu jerġà joħroġ sejħa għall-*Contracts Manager* ieħor bl-istess kundizzjonijiet u responsabbiltajiet, iżda s-sejħa toħroġ fuq forma ta' 'contracts-for-service'

3.26.7.2 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni din il-proposta fejn kien hemm qbil unanimu sabiex din is-sejħa toħroġ b'sejħa għall-kwotazzjonijiet u dan ma jkunx ingaġġat direttament mal-Kunsill.

**3.26.8 Skema implimentazzjoni ta' Dog Parks / Cat Café**

3.26.8.1 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li se tiftaħ skema sabiex il-Kunsilli lokali jkunu jistgħu japplikaw għall-fondi biex isiru Dog Parks jew Cat Cafes. Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill jekk għandux isir Dog park jew Cat Cafe jekk dejjem jinstab post adegwat għal dan il-għan. Kien hemm qbil unanimu.

3.26.8.2 Is-Sindku Aquilina fetaħ għad-diskussjoni proposti ta fejn jista' jsir dan il-park. Ġie maqbul li dan se jkompli jiġi diskuss aktar il-quddiem.

**3.26.9 Talba għall-kunsiderazzjoni ta' fondi Żona Turistika**

3.26.9.1 Is-Sindku spjega kif hemm allokazzjoni oħra għal lokalitajiet li huma kunsidrati bħala żoni turistiċi li tali allokazzjoni il-Kunsill lokali tal-Kalkara ma jibbenefikax minnu. Ressaq quddiem il-Kunsill proposta sabiex tintbagħat ittra uffiċjali sabiex issir talba għal dawn il-fondi u l-Kalkara tkun ikkunsidrata bħala lokal turistiku. Kien hemm qbil unanimu.

## 3.26.10 Permessi tal-Awtorità tal-Ippjanar

**PC/00063/25 – Proposed change in Zoning from Villa Detached Area to Residental Terraced Development**

3.26.10.1 Is-Sindku mexxa l'fuq din il-parti tal-laqgħa fl-Agenda minħabba li attendew nies mill-pubbliku li xtaqgħu jressqu il-proposta tagħhom. Is-Sindku ta' ċans lill-membru wieħed mill-pubbliku preżenti sabiex jitkellem. Dan qal li huma attendew għal-laqgħa minħabba li kienu nfurmati l-Kunsill Lokali rċieva mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar l-applikazzjoni tagħhom sabiex il-Kunsill Lokali jkun jista' joġġezzjona għall-applikazzjoni.

3.26.10.2 Is-Sindku spjega lill-Kunsilliera kif din l-applikazzjoni waslet għand il-Kunsill Lokali, bħal ma jirċievi kull applikazzjoni oħra mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar.

3.26.10.3 Il-persuna tal-pubbliku preżenti beda billi spjega li hu jirrispetta it-talba tal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex titħalla *site curtilage* mad-dawra tal-binja u kompla billi qal li biċċa mill-propjetà li hi l-bitħa tad-dar li se jixtri u li qed jitlob li dik il-bitħa tiġi żviluppata flok *Villa Zone* għal *Terraced Zone.*

3.26.10.4 Il-Kunsillier is-Sur Vince Bongailas staqsa jekk ħariġx il-permess diġà u jekk dan hu l-każ ifisser li minn naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar ma hemm l-ebda problema.

3.26.10.5 Is-Sindku fiehem li għadu ma ħariġx il-permess u dawn il-persuni ġew għal-laqgħa sabiex jispjegaw il-punt tagħhom ħalli r-residenti jkunu jafu għal xiex se jkunu qegħdin jitfgħu l-applikazzjoni u li din hi biss bidla fid-dar stess u mhux permess ġdid.

3.26.10.6 Il-membri tal-pubbliku rringrazzjaw lis-Sindku u lill-Kunsilliera li kellhom iċ-ċans jispjegaw dan l-iżvilupp li se jagħmlu u telqu mil-laqgħa.

3.26.10.7 Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera iddiskutew dan l-iżvilupp. Ġie maqbul li mhux se ssir oġġezzjoni minħabba l-fatt li din l-applikazzjoni mhux se tkun qed tibdel xejn fl-iżvilupp tal-permess diġà eżistenti u li hu diġà approvat mill-Awtorità tal-Ippjanar.

**PA/0154/25 - Triq it-Turretta c/w Triq Patri Mattew Sultana**

3.26.10.8 Il-Kunsill Lokali rċieva mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar li se jkun hemm laqgħa oħra rigward dan l-iżvilupp. Ġie deċiż li l-Kunsill se jibgħat lil PA sabiex ikun hemm rappreżentant tal-Kunsill preżenti għal din il-laqgħa.

**PA/8179/19 & PA/8679/24 – Triq il-Progress**

3.26.10.9 Dan l-iżvilupp beda bl-ewwel applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar b'PA/8179/19 li ġiet aċċettata, wara l-iżviluppatur daħħal applikazzjoni ġdida PA8679/24. Riċentement irċevejna ilmenti mingħand residenti f'dik it-triq fejn nfurmawna li beda xi tħaffir u qtugħ ta' siġar tal-lewż. Bħala Kunsill qegħdin f'kuntatt mal-BCA, PA u ERA. Ġejna infurmati li saru se jinħargu l-multi għal-ħsarat li saru lis-siġar tal-lewż. Is-Sindku xtaq iwassal il-punt li l-Kunsill Lokali qed jagħmel sehmu u jwassal ir-rapporti lil entitajiet ikkonċernati però il-Kunsill m'għandux is-seta' jwaqqaf ix-xogħol.

## 3.26.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

3.26.11.1 Is-Sindku fakkar illi l-iskeda tal-ħlas kienet intbagħtet permezz tal-imejl lil kull Kunsillier il-ġimgħa l-oħra biex kull Kunsillier ikollu ċ-ċans jivverifika qabel japprova l-istess pagamenti.

3.26.11.2 Fuq proposta tas-Sa Maria Sultana issekondata mis-Sa Speranza Chircop, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti nkluż l-iskeda tal-pagamenti li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

## 3.26.12 Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

3.26.12.1 Is-seduta ntemmet fl-6:15pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda. Ġie maqbul unanimament li l-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tnejn 16 ta' April 2026, fl-4 ta' wara nofsinhar.

Konfermati, illum 16 ta' April, 2026

Wayne Aquilina
Sindku

Karen Scicluna
Segretarju Eżekuttiv